**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 - IT-TLIETA, 11 TA’ SETTEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-19:44) |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm erba’ residenti mill-inħawi ta’ Triq l-Oratorju. | |

**1. APPOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillieri Miceli u Sammut kienu infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopja tan-notifika annessa f’A.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati *nem con* kif imressqa u għalhekk iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

2.3. Il-Kunsillier Galea informa li dwar para. 4.9 kien tkellem ma’ Speranza Xuereb li infurmatu li r-raġuni li l-Għaqda Wirt Naxxari ma kinitx iltaqet kien l-aktar minħabba l-impenji tas-sajf.

2.4. Is-SE informa li dwar il-punt numru 9.6 tal-minuti kien staqsa u ġie infurmat li ma kien hemm l-ebda sistema tad-drenaġġ u għalhekk talab lill-Kunsillier Galea jerġa jindaga dwar xi drenaġġ qed jirreferu għalih.

2.5. Il-Viċi Sindku staqsa dwar para. 9.5. Is-SE wieġeb li huwa diffiċli biex tidentifika x’qiegħed jiġri sakemm ma tingħatax l-informazzjoni dak inhar li jkunu nnutati irwejjaħ tad-drenaġġ.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa fil-preżenza tas-SE mas-Sur Silvio Zammit ta' Circus Events dwar iċ-Ċirklu. Is-Sur Zammit informa li ċ-Ċirklu ma kienx se jsir fil-*parking area* iżda f'għalqa tal-Ġiżwiti biswit. Is-Sur Zammit apprezza li, filwaqt li huwa mistenni li jżid il-kummerċ, speċjalment minħabba l-prattika li n-nies kollha taċ-Ċirklu jixtru l-bżonnijiet tagħhom mill-ħwienet tal-lokal, dan jista' jaffettwa r-rutina normali tar-residenti u għalhekk iħoss li għandu jikkontribwixxi permezz ta' donazzjoni biex tintuża fuq proġetti għal-lokalità. Barra minn hekk huwa joffri wkoll biljett lil kull familja fin-Naxxar kif ukoll lill-għaqdiet.

3.2. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami.

3.3. Is-Sindku kompliet li hija talbet lis-Sur Zammit biex xi nies taċ-Ċirklu jkunu involuti wkoll fl-attivitajiet tal-Kunsill filwaqt li insistiet li jittieħed ħsieb tal-indafa tal-madwar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan kollu.

3.4. Is-Sindku infurmat li kien hemm talba lill-Kunsill biex jipparteċipa fuq programm ta' NET TV. Dawn talbu s-somma ta' €50. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa.

3.5. Is-Sindku infurmat ukoll li kienet ġiet avviċinata minn Xarabank minħabba li l-programm issa se jibda jinkludi taqsima fuq il-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa. M'hemm l-ebda ħlas għal dan iżda l-Kunsill ikun jista' jinforma lir-residenti tan-Naxxar biex jattendu fil-programm li jkun se jitkellem fuq in-Naxxar.

3.6. Is-SE informa li kienet waslet komunikazzjoni mingħand TCTC dwar korsijiet għax-xitwa. Il-Viċi Sindku talab li, qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi għandu jkollu informazzjoni dwar ir-rispons (*feedback)* tal-parteċipanti. Il-Kunsill qabel.

3.7. Is-SE fakkar fit-talba biex jitħallew jitpoġġew *stands* għall-ġurnal Malta Now. Huwa esebixxa stampa tal-i*stand* kif ukoll pjanta bil-postijiet indikati. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda jżomm id-dritt li jneħħihom meta jkun irid filwaqt li jingħata d-dritt li, meta jkun hemm bżonn, jirreklama fuq naħa minnhom.

3.8. Is-SE informa li waslet proposta mill-Iscouts biex issir attività konġunta mal-Kunsill li tikkonsisti f'ħarġa edukattiva għal Għawdex fejn iżuru postijiet ta' produzzjoni bħal Magro Brothers. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta iżda li din l-attività m'għandiex tkun limitata biss għall-membri tal-iscouts. L-isctouts għandhom jieħdu ħsieb il-promozzjoni u l-vjaġġi għal Għawdex u l-Kunsill jipprovdi t-trasport.

3.9. Is-SE informa li kienet saret iż-żjara minn 37 student/a flimkien ma' erba' għalliema minn Mornago fil-ġimgħa tal-Festa. Dawn ġew trattati fl-uffiċċju tal-Kunsill filwaqt li sar kollegament dirett permezz ta' *Skype* mas-Sindku ta' Mornago Paolo Gusella. Il-Kunsill ipprovda wkoll trasport għal lejla waħda biex iżuru l-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel.

## 4. ĦLASIJIET TA' KONTIJIET U RENDIKONTI FINANZJARJI

4.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' pagamenti li kienet mibgħuta qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Il-**pagamenti** skont il-lista kif annessa f'B kienet approvata.

4.2. Is-Sindku infurmat li l-ħlas għall-applikazzjoni għall-permess biex isir il-proġett ta' Triq V. Boron kien jammonta għal €10,109.31. Hija kienet qed tipproponi li jitħallas għaliex jekk ma jkunx hemm il-permess żgur li ma kienx jista' jsir. Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux jipproċedi bl-applikazzjoni minħabba li jista' jkun li l-Gvern ma jidħolx għalih minkejja r-rieda li jagħmel hekk. Finalment il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-ħlas għaliex jekk ma jagħmilx hekk żgur li ma jkunx

jista' jsir il-proġett filwaqt li, jekk il-permess joħroġ dan jibqa' fis-seħħ għal ħames snin.

4.3. Il-Kunsill iddiskuta l-bżonn li jinbidlu l-*belisha beacons* filwaqt li kien infurmat mill-Viċi Sindku li, kif kien mitlub mill-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel, sar indaġni u nstab li l-istess apparat seta' jinxtara direttament mill-Ingilterra bi prezz ferm inqas minn dak mitlub mill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għalissa jordna sett wieħed.

4.4. Is-Sindku infurmat ukoll li kellu jsir il-ħlas għall-applikazzjoni mal-MEPA tas-sala fuq iċ-Ċentru Ċiviku biex ikun jista' jipproċedi għall-applikazzjoni għall-proġett tal-UE kif kien diskuss mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel.

4.5. Meta s-SE ippreżenta l-lista tad-dħul il-Viċi Sindku staqsa dwar id-depożiti tal-infurzar lokali. Is-SE informa li dawn ma kienux qed isiru regolari minħabba nuqqas ta' riżorsi min-naħa tal-Kumitat Reġjonali.

4.6. Il-Kunsill approva **l-lista ta' ordnijiet** kif ukoll il-**lista tad-dħul** li saru f'Awwissu 2012. Kopji huma annessi f'Ċ u D rispettivament.

4.7. Is-SE informa li kien talab stima lill-kuntrattur tal-Kunsill għat-taħwil ta' siġar u pjanti fi Triq San Mark u Triq il-Qoton (ma' Triq it-Tuffieħ). Dawn kienu tal-istess dimensjoni u l-istima għal kull waħda kienet ta' madwar €2,310. Il-Kunsill iddiskuta jekk għandux jonfoq dan l-ammont iżda s-SE informa li l-istima hija għal siġar u pjanti diġà stabbiliti u għalhekk l-impatt jidher immedjatament. Is-SE informa wkoll li kienet waslet talba minn FTI AS (Malta) biex isir xogħol volontarju fin-Naxxar bħala parti mill-*Corporate Social Responsibility* tal-kumpanija. Huwa kien issuġerielhom li jagħmlu taħwil ta' siġar u li dik ta' Triq San Mark tkun sponsorjata minnhom. Huma kienu laqgħu il-proposta tat-taħwil iżda ma setgħux jikkonfermaw l-isponsor minħabba li l-fondi għal affarijiet bħal dawn huma limitati ħafna. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jordna x-xogħol kif stmat filwaqt li għandu jagħmel tentattiv biex jakkwista l-ogħla offerta possibli mingħand FTI AS (Malta).

## 5. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

5.1. Il-Kunsillier u *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq (BIC) Maryanne Cuomo infurmat li saret laqgħa tal-Kumitat fil-ġurnata ta' qabel.

5.2. Hija infurmat li l-Kumitat qiegħed jippjana attività tal-Milied għat-tfal għall-21 ta' Diċembru kif ukoll attività għall-anzjani f'BIC għal Novembru billi possibilment anzjani miċ-Ċentru ta' matul il-jum tan-Naxxar jitniżżlu għall-attività f'BIC. Attività oħra li se ssir kienet żjara edukattiva għat-tfal ta' BIC f'*Science in the City* li se titella' fil-Belt Valletta. Il-Kumitat kien se joħroġ l-ispejjeż għat-trasport.

5.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li se jkun ippubblikat *flyer* fil-ġimgħa ta' wara b'informazzjoni fuq Sports għar-residenti.

5.4. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li hemm xi kwistjonijiet fuq il-ġnien dwar livell ta' manutenzjoni u li dwarhom qed ikunu ippjanati laqgħat fil-post.

5.5. Is-Sindku semmiet li l-ġnien ta' Triq l-Imħalla kellu d-dawl mitfi filwaqt li hemm *litter bins* ifuru.

5.6. F'dan il-ħin inġibdet l-attenzjoni li fi Ġnien l-Unjoni Ewropea hemm tliet globi imkissrin, kienu nnutati firien filwaqt li l-injam tat-tinda għandu bżonn ta' manutenzjoni min-naħa ta' fuq.

## 6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITATI

6.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat kienet ippjanat laqgħa tas-sottikumitat ta' Birguma li iżda kellu jitħassar minħabba li kien hemm il-maġġoranza tal-membri li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

6.2. Is-Sindku infurmat li kienet attendiet attivitajiet tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ filwaqt li saru preżentazzjonijiet fosthom ta' kotba lil-librerija, boroż għall-iskart separat lin-negozji u lir-residenti bħala parti mill-proġett tal-Kunsill taż-żgħażagħ.

6.3. Is-Sindku infurmat li s-sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa kien talab li fit-tarf ta' Triq Jules Verne ma' Triq Bradford titpoġġa tabella *Accident Black Spot*. Il-Kunsill qabel.

6.4. Is-sottokumitat informa wkoll li hemm bozoz fi Triq GB Morton u Fremantle li mhux jixgħelu. Is-Sindku infurmat ukoll l-bozza ta' Triq ir-Raħeb Kurradu k/m Triq Braydon mhux tixgħel.

6.5. Is-Sindku infurmat li kien hemm kummenti li l-ġbir ta' skart mhux dejjem kien qiegħed jinġabar filwaqt li l-ġbir ta' skart isseparat possibilment għandu jibda aktar tard.

## 7. ĠBIR TA' ĦĠIEĠ GĦAR-RIĊIKLAĠĠ BIEB BIEB

7.1. Is-SE informa li kien iltaqa' ma' Green MT fejn ressqu l-proposta biex fin-Naxxar tibda l-ġbir ta' ħġieġ għar-riċiklaġġ bieb bieb. Huwa spjega li inizjalment għandha tintagħażel żona ta madwar 700 residenza. Green MT jibgħatu avviż fid-djar u jallokaw 500 reċipjent biex jitqassam fost dawn ir-residenzi. Huwa normali li ma jkunux ir-residenzi kollha li jiġbru r-reċipjenti u huwa propju għalhekk li jitqassmu 700 ittra. It-tqassim tar-reċipjenti jsir mill-uffiċini tal-Kunsill.

7.2. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibda din l-inizjattiva.

7.3. Is-SE ippropona żona fejn għandu jibda dan is-servizz. Din iż-żona kienet approvata. Lista tat-toroq involuti hija annessa f'E.

## 8. MIŻURA TAT-TRAFFIKU FIŻ-ŻONI TA' TRIQ L-ORATORJU U N-NUTAR DEBONO

8.1. Is-SE spjega li, wara l-ewwel konsultazzjoni kien ġabar id-dettalji u ħareġ bi proposta ġdida li kienet tindirizza l-pre-okkupazzjonijiet tar-residenti li ressqu l-kummenti. Huwa spjega wkoll li l-maġġoranza assoluta kienu jaqblu li għandu jkun hemm miżura ta' sistema ta' traffiku f'direzzjoni unika iżda li mhux neċessarjament kienet fl-istess linja ta' ħsieb tal-proposta oriġinali.

8.2. Is-SE ipproġetta t-tieni pjan propost u spjega l-kunċett tas-sistema.

8.3. Residenti mill-inħawi ta' Triq l-Oratorju ngħataw l-opportunità li jitkellmu filwaqt li finalment esprimew qbil mal-proposta kif tpoġġiet.

8.4. Il-Kunsill imbagħad approva fil-prinċipju l-pjan propost iżda qabel li ssir konsultazzjoni oħra u tingħata ġimgħa biss għall-kummenti ħalli darba oħra tittieħed deċiżjoni finali.

8.5. F'dan il-ħin ir-residenti li kienu preżenti ħarġu kollha mill-kamra.

## 9. EVALWAZZJONI TAL-ANDAMENT TAL-FESTA TA' MARIJA BAMBINA

9.1. Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-Festa fejn kien hemm qbil li b'mod ġenerali l-affarijiet imxew tajjeb.

9.2. Kien hemm qbil li għandu jsir dak kollu possibli biex il-Kumitat Festi Esterni jieħu ħsieb il-kordinament kollu tal-festa hu minħabba li fil-preżent m'hemm xejn kordinat minn entità waħda.

9.3. Il-Viċi Sindku informa li fejn Vascas il-Ħadd kien fadal il-ħmieġ.

9.4. Il-Kunsillier Gatt ġibed l-attenzjoni li kienu qed jinbiegħu l-i*stink bombs* u *'bombi'* u li dawn m'għandhomx jitħallew.

9.5. Is-SE ġibed l-attenzjoni dwar siġra tar-rand li, wara li sar BBQ mill-Każin tal-Banda Peace, ġarrbet ħsarat kbar. Dan ġara għat-tieni sena konsekuttiva. Il-Kunsill ikkundanna dan l-aġir u kien jippretendi risposta għall-email li kien bagħat is-SE lill-Kumitat tal-Każin.

9.6. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:30.

## 10. GĦOTI TA' OFFERTI (TENDERS)

10.1. **Offerti għal xogħol fi Triq Castro (T11/2012):-** Is-SE informa li kien għad m'hemmx risposta min-naħa tal-uffiċċju tal-UIF tal-MEPA dwar il-fondi imma kien qiegħed jistenna li jkun hemm il-konferma fil-jiem li ġejjin. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Perit li jagħti l-offerta lil Avantgarde Ltd li offra l-irħas offerta. L-għoti tal-kuntratt huwa però suġġett għall-approvazzjoni tal-fondi mill-MEPA.

10.2. **Offerti għall-xogħol ta' aperturi *triple glazing*:-** Il-Kunsill kien imfakkar li kien hemm offerta waħda għal dan ix-xogħol li iżda l-Perit kien iddikjara li kienet raġjonevoli. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-kuntratt għall-valur viċin il-fondi mogħtija għal dan ix-xogħol mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għal dan il-għan għandha tingħata prijorità lill-aperturi fl-uffiċċju tas-SE minħabba li huwa l-aktar post li huwa suġġett għall-elementi.

## 11. ATTIVITAJIET U INIZJATTIVI

11.1. Il-Kunsillier Gatt informa bil-kordinament li kienu qed jagħmlu hu u l-Viċi Sindku fir-rigward tal-attività **Car Free Day 2012** li se tkun organizzata fis-16 ta' Settembru bejn id-09:00 u s-13:00. Huwa informa li se jkun hemm futbol, roti, skates u anki mużika *live.*

11.2. Is-SE informa li l-flus imwegħda mill-MEPA (€2,000) għal din l-attività kienu ngħataw.

11.3. Sadanittant is-Sindku infurmat li kienet iltaqgħet mal-grupp tal-*life cycle* li kienu wegħedu li se jaraw jistgħux jipparteċipaw għalkemm ma kinux għadhom ċerti hux possibli.

11.4. Il-Kunsill iddiskuta **l-attività tal-Milied**. Is-SE informa li normalment, jekk id-Dipartiment kien ikun se joħroġ l-iskema tal-attivitajiet, kien jagħmel dan fil-bidu ta' Awwissu u għalhekk, fin-nuqqas jidher li mhux se jkun hemm tali skema. Dan ifisser li l-fondi għall-attivitajiet ma kinux se jiġu.

11.5. Il-Kunsill unanimament qabel li xorta għandu jorganizza attività għalkemm fuq dimensjoni iżgħar. Is-SE talab lill-Kunsill biex jistabbilixxi ammont ta' fondi għal din l-attività.

11.6. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jindaga mal-Knisja jekk hux se jkun hemm xi funzjonijiet fit-2 u t-8 ta' Diċembru għalkemm id-data preferita tkun it-2 ta' Diċembru.

11.7. Is-SE appella biex il-Kunsill jimmassimizza r-riżorsi tal-lokal ħalli jorganizza attività sabiħa b'inqas flus. Huwa ppropona li għandhom ikunu involuti b'mod dirett l-għaqdiet speċjalment il-każini tal-baned. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk talab li ssir laqgħa nhar is-17 ta' Settembru fis-14:30. Għaliha għandhom jattendu s-Sindku u l-Kunsillier Galea. Għandhom ikunu mistiedna wkoll l-iscouts.

11.8. Il-Kunsill qabel ukoll li għal darba oħra għandu jorganizza l-ikla tal-Milied għall-anzjani filwaqt li għandu jibda jaħseb ukoll għall-ikla tal-Kunsillieri u l-istaff.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru fis-7:30pm.

12.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Council meeting - Laqgh tal-Kunsill numru 49 - It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012

**Pauline Miceli** <[redacted]> 7 September 2012 21:17
To: Paul Gatt <[redacted]>

Paul,
Kif avzajt fi tmiem l-ahhar laqgha jien se nkun imsiefra nhar it-Tlieta 11 ta' Settembru. Ghalhekk nitolbok tizkuzani.
Hajr u tislijiet
Pauline

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha Kunsill

**Clinton Sammut** <[redacted]> 11 September 2012 13:48
To: Paul Gatt <[redacted]>

Ghaziz Segretarju,

Minhabba impenji akkadenici u ezamijiet tal-first sit li se jsiru ghada u l-hamis. Mhux ha nkun possibli li nattendi ghal laqgha tal-kunsill li sejra ssir illum.

Niskuza ruhi.

Nirringrazzjak,

Clinton

--
Clinton Sammut
Councillor- Naxxar Local Council
Sports/ Youth and Environment.
Mob: [redacted]
Email: [redacted]

**B**

Kunsill Lokali: Naxxar | Skeda Nru. Laqgha 49

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mit-18 t'Awwissu 2012 sas-7 ta' Settembru 2012

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adrian Mallia | €298.06 | €298.06 | D | PF | Court fees re Case NLC vs Gasan Mamo | n/a | n/a | n/a | n/a | 3140 | 15823 |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden Maintenance - July 12 | 31/07/2012 | 25929 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Aug 12 | 01/09/2012 | 146 of 2012 | n/a | n/a | 3140 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €198.22 | €198.22 | D | PF | Rollers; hard metal; zrar; cement; etc. | 22/06/2012 | 33011 | 4056, 4071 | 4056, 4071 | 2370 | |
| 5 | Arms Ltd | €187.25 | €187.25 | D | PF | Electricity & water consumption bills for the Water Pump at Triq il-Parrocca [25/02/2012 till 14/06/2012] | 31/08/2012 | 15725388 | n/a | n/a | 2130 | 15822 |
| 6 | BDL Book Distributors Ltd | €321.97 | €321.97 | K | PF | Purchase of books | 03/08/2012 | 193188 | 4049; 4050 & 4051 | 4049; 4050 & 4051 | 2995 | |
| 7 | BDL Book Distributors Ltd | €145.82 | €145.82 | K | PF | Purchase of books | 07/08/2012 | 193316 | 4049; 4050 & 4051 | 4049; 4050 & 4051 | 2995 | |
| 8 | C&C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 | 16/08/2012 | 120804 | n/a | n/a | 3130 | |
| 9 | C&C Projects | €120.00 | €120.00 | T | PF | Reimbursement of MEPA application submission fee for the Garden in Triq in-Nahal Naxxar | 16/08/2012 | 120803 | n/a | n/a | 3130 | |
| 10 | Cancu Coaches | €82.60 | €82.60 | D | PF | Transport service from Naxxar to Ghar Lapsi & return on the 26.08.2012 - Youth Local Council project | 23/08/2012 | 10038 | 4065 | 4065 | 2720 | |
| 11 | Cash | €63.98 | €63.98 | D | PF | Petty Cash - Aug 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 15738 |
| 12 | Charlie Mifsud | €1,237.23 | €1,237.23 | T | PF | Extra work Beach Cleaning - Jul 12 (till the 18th Jul) | 21/08/2012 | 952 | n/a | n/a | 3063 | |
| 13 | Charlie Mifsud | €1,731.69 | €1,731.69 | T | PF | Beach Cleaning services - Jul 12 (till the 18th Jul) | 21/08/2012 | 953 | n/a | n/a | 3063 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Charlie Mifsud | €1,543.75 | €1,543.75 | T | PF | Weed cutting - Jul 12 | 21/08/2012 | 951 | n/a | n/a | 3052 | |
| 15 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Aug 12 | 31/08/2012 | 138 | n/a | n/a | 3051 | |
| 16 | Cimaco Group Ltd | €68.35 | €68.35 | D | PF | CC97720 Asciugamani A Rotolo | 23/08/2012 | 7517 | n/a | n/a | 2220 | |
| 17 | Cimaco Group Ltd | €146.55 | €90.19 | D | PF | CC83380 "Z" Fold Bulky Soft Premium 2p Hand; CC67540 Bulky Soft Bulk Pack T/Paper; CC01150 Dispenser Air-Freshener; etc. | 21/08/2012 | 7508 | 4057 | 4057 | 2220 | |
| 18 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | €275.34 | €275.34 | D | PF | Hp 64A; HP 1215 Cyan; HP CE285A. | 30/08/2012 | Order no: 4773 | 4074 | 4074 | 2610 | |
| 19 | CV Woodworks | €273.60 | €273.60 | D | PF | Wood strips in Red Deal (Prima) for benches. | 27/08/2012 | 115 | 4062 | 4062 | 2310 | |
| 20 | Dentrade Co. Ltd | €90.83 | €90.83 | D | PF | Drinks. | 29/08/2012 | 105326 | 4068 | 4068 | 3360 | |
| 21 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette with regards to BBQ activity permit by Peace Band Club | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15734 |
| 22 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette with regards to a booking order of 5 parking slots | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15813 |
| 23 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on the Malta Government Gazette for the 4.09.12 with regards to Traffic Management during the feast days of Naxxar | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15818 |
| 24 | Dr Martin Fenech | €1,774.60 | €1,774.60 | D | PF | Court Case NLC vs 389Ltd | n/a | n/a | n/a | n/a | 3140 | 15730 |
| 25 | Dr Martin Fenech | €4,586.00 | €4,586.00 | K | PF | Payment to 389 Ltd - rubber Playground | n/a | n/a | n/a | n/a | 7503 | 15730 |
| 26 | Enemalta Corporation | €1,543.06 | €1,543.06 | D | PF | Temporary Supply of electricity during the Xmas Event Dec 11 - Application nos: 30069916; 300077974; 300164410; 300164412; 300164415; 300164420; etc | 01/08/2012 | several | n/a | n/a | 3362 | |
| 27 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - Aug 12 | 31/08/2012 | 2511 | n/a | n/a | 3065 | |
| 28 | Georgina Grima | €565.60 | €565.60 | D | PF | Nursing fees - Aug 12 | 31/08/2012 | Aww-12 | n/a | n/a | 3340 | |
| 29 | Grace Camilleri | €191.36 | €191.36 | D | PF | Branch Librarian Services - Aug 12 | 31/08/2012 | Aww-12 | n/a | n/a | 2995 | |
| 30 | Gutenberg Ltd | €987.00 | €987.00 | T | PF | 5,500 copies delivered to indicated stores by the Naxxar Local Council | 31/08/2012 | 35001 | n/a | n/a | 2650 | |
| 31 | Joe Galea | €66.67 | €66.67 | D | PF | Pkt of large garbage bags and others with sand | 20/08/2012 | 26338 | 4058 | 4058 | 2950 | |
| 32 | Jurgen Attard | €1,352.40 | €1,352.40 | T | PF | Handyman service - Aug 12 | 31/08/2012 | Aww-12 | n/a | n/a | 3125 | 15820 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Kumitat Festi Esterni | €130.00 | €130.00 | D | PF | Advert on the Marija Bambina Naxxar 12 magazine - 1 Full page in colour | 04/09/2012 | 815 | 4077 | 4077 | 2940 | |
| 34 | Leo's Garage Paramount | €176.31 | €176.31 | K | PF | Transport Services for the elderly - July 12 | 31/07/2012 | 24792 | n/a | n/a | 2720 | |
| 35 | The Lighthouse Keepers | €104.45 | €104.45 | T | PF | Repair on street lamp | 11/07/2012 | KLNX1117 | n/a | n/a | 3065 | |
| 36 | The Lighthouse Keepers | €17.31 | €17.31 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1196 | n/a | n/a | 3065 | |
| 37 | The Lighthouse Keepers | €40.62 | €40.62 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1193 | n/a | n/a | 3065 | |
| 38 | The Lighthouse Keepers | €34.74 | €34.74 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1197 | n/a | n/a | 3065 | |
| 39 | The Lighthouse Keepers | €52.55 | €52.55 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1198 | n/a | n/a | 3065 | |
| 40 | The Lighthouse Keepers | €49.51 | €49.51 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1200 | n/a | n/a | 3065 | |
| 41 | The Lighthouse Keepers | €46.66 | €46.66 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1203 | n/a | n/a | 3065 | |
| 42 | The Lighthouse Keepers | €39.32 | €39.32 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1204 | n/a | n/a | 3065 | |
| 43 | The Lighthouse Keepers | €47.88 | €47.88 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1209 | n/a | n/a | 3065 | |
| 44 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1205 | n/a | n/a | 3065 | |
| 45 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1210 | n/a | n/a | 3065 | |
| 46 | The Lighthouse Keepers | €65.73 | €65.73 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1194 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1214 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1207 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1199 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €20.04 | €20.04 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1211 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €42.03 | €42.03 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1215 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €42.03 | €42.03 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1213 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €42.03 | €42.03 | T | PF | Repair on street lamp | 13/07/2012 | KLNX1212 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €39.55 | €39.55 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1195 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €35.18 | €35.18 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1216 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €31.34 | €31.34 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1220 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €31.34 | €31.34 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1218 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €46.28 | €46.28 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1221 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1223 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1225 | n/a | n/a | 3065 | |
| 61 | The Lighthouse Keepers | €39.55 | €39.55 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1226 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €31.87 | €31.87 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1227 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €29.59 | €29.59 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1230 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | The Lighthouse Keepers | €5.92 | €5.92 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1235 | n/a | n/a | 3065 | |
| 65 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Repair on street lamp | 28/08/2012 | KLNX1241 | n/a | n/a | 3065 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 66 | The Lighthouse Keepers | €27.86 | €27.86 | T | PF | Repair on street lamp | 31/08/2012 | KLNX1224 | n/a | n/a | 3065 | |
| 67 | Malta Community Chest Fund | €200.00 | €200.00 | | PF | Donations collected by members of Naxxar Local Council & Staff | n/a | n/a | n/a | n/a | 3360 | 15817 |
| 68 | Maltapost plc | €111.76 | €111.76 | T | PF | Delivery of Unaddressed Mail | 30/08/2012 | 35554 | n/a | n/a | 2650 | |
| 69 | Marina Sammut | €9.00 | €9.00 | D | PF | Refund of Aerobics Course | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 70 | MEPA | €1,867.92 | €1,867.92 | D | PF | Development Permit Fee; Sewer Contribution; Street Contribution & Environment Fee - Multipurpose Hall | 08/08/2012 | Bill no: B0056499-2836-7 | n/a | n/a | 3190 | 15824 |
| 71 | MITA | €69.85 | €69.85 | D | PF | E-mail accounts for the period Apr - Jun 12 | 29/08/2012 | 26800 | n/a | n/a | 3110 | |
| 72 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Jul 12 | 31/07/2012 | NXR7/12 | n/a | n/a | 3041 | |
| 73 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Aug 12 | 31/08/2012 | NXR8/12 | n/a | n/a | 3041 | |
| 74 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Cleaning service - Naxxar Public Convenience - Aug 12 | 28/08/2012 | Nxr_8/12 | n/a | n/a | 3053 | |
| 75 | Ricky Caruana | €471.00 | €479.05 | T | PF | Cleaning service - Naxxar Civic Centre - Aug 12 [from the amount due for Aug 12, Eur14.30 were deducted due to Jul's inv] | 28/08/2012 | Nxr_8/12 | n/a | n/a | 3055 | |
| 76 | Romina Perici Ferrante | €320.00 | €320.00 | T | PF | Updating of Accounts - Jul 12 | 30/07/2012 | 12/043 | n/a | n/a | 3160 | |
| 77 | Silvio Grech | €141.60 | €141.60 | K | PF | Rental of tables & chairs for both Fri 27th & Sat 28th Jul 12 - Arts in the Park | 16/08/2012 | 2008 | 4032 | 4032 | 3360 | |
| 78 | Snowhite Laundry | €25.00 | €25.00 | D | PF | Cleaning of flags | 18/05/2012 | 472127 | 3947 | 3947 | 2220 | |
| 79 | Victor Mula | €1,234.80 | €1,234.80 | T | PF | Handyman service - Aug 12 | 31/08/2012 | Aww-12 | n/a | n/a | 3125 | 15819 |
| 80 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - July 12 (293.15 tonnes) | 16/08/2012 | 26169 | n/a | n/a | 3040 | |
| 81 | Wurth Ltd | €24.54 | €24.54 | D | PF | Bolts for maintenance of MUSEUM Benches | 24/08/2012 | 293751 | 4036 | 4036 | 2370 | |

Ċ

**Income list for the month of August 2012** **04/09/2012**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Fee for the purchasing of photos with re: Pet Show Event | €2.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €480.00 |
| 0025 | Skip Permit | €65.70 |
| 0026 | Crane Permit | €692.01 |
| 0027 | Kiosk Permit | €815.15 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €93.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €85.88 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €1,455.08 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2.90 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €250.00 |
| 0121 | Advertising | €1,268.64 |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,330.00 |
| 4007 | Other refundable deposits in respect of Festa Vittorja Naxxar 2012 | €4,500.00 |
| | **TOTAL** | **€12,048.00** |

**D**

**Purchase Order list for the month of August 2012** **04/09/2012**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/08/2012 | 4036 | Wurth Ltd. | Bolts for maintenance of MUSEUM Benches | €24.54 |
| 06/08/2012 | 4037 | 3D Distributors Ltd. | Distribution of flyers for TCTC courses - July | €148.68 |
| 06/03/2012 | 4038 | Antoine Fenech Florist | Funeral wreath to Mr John Azzopardi on the 6th March 12 | €29.50 |
| 19/07/2012 | 4039 | Maltapost | Unaddressed Mail Distribution | €1,129.57 |
| 06/08/2012 | 4040 | Gutenberg | Printing of the flyer for BIC activity | €462.00 |
| 08/08/2012 | 4041 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Front Office Printer | €44.99 |
| 09/08/2012 | 4042 | Cancelled | | |
| 09/08/2012 | 4043 | J&S Store | Hi-lighters; katnazzi; Heavy Duty garbage bags; etc. | €69.44 |
| 09/08/2012 | 4044 | New Reef | Picture frames for photos | €173.00 |
| 10/08/2012 | 4045 | Ghajn Rasul co. Ltd | 2 year old Bidni tree & 2 year old White Olive tree - Youth Local Council Project | €1,120.00 |
| 10/08/2012 | 4046 | Parisio Nursery | 4 year old Cipress - Youth Local Council project | €543.00 |
| 10/08/2012 | 4047 | Piscopo Gardens | Znuber Trees - Youth Local Council project | €175.00 |
| 10/08/2012 | 4048 | Starta Designs Ltd | Limestone pieces engraved with 5 word each printed in black | €265.50 |
| 10/08/2012 | 4049 | BDL Ltd | Xiri ta' kotba: Meta l-Imhabba ma Tmutx; Imhabba Buffa; ecc - Youth Local Council project | €78.92 |
| 10/08/2012 | 4050 | BDL Ltd | Xiri ta' kotba: Il-Qtil tat-Tabib Zammit; Id-Dar ta' Hdejn il-Bahar; ecc - Youth Local Council project | €186.09 |
| 10/08/2012 | 4051 | BDL Ltd | Xiri ta' kotba: River Kbir - hidden Wonder; Wild Plants of Malta PB; ecc - Youth Local Council project | €202.75 |
| 10/08/2012 | 4052 | Scotts Ltd | Recycling bags & Biodegradable bags - Youth Local Council project | €895.00 |
| 10/08/2012 | 4053 | Valletta Glass | Plate PO53 & Cross C054 | €210.00 |
| 10/08/2012 | 4054 | Scan Malta | Fuji Finepix S4500 Black Digital Camera - Youth Local Council project | €278.35 |
| 11/08/2012 | 4055 | DOI | Advert re Peace Band Club BBQ activity | €9.32 |
| 14/08/2012 | 4056 | Archway Ironmongery | Battries; covers; zrar; cement; ramel; brushes; ecc | €172.76 |
| 16/08/2012 | 4057 | Cimaco Group Ltd. | Toiletries | €90.46 |
| 16/08/2012 | 4058 | Joe Galea | Degradeble + heavy duty bags | €66.66 |
| 16/08/2012 | 4059 | B. Grima & Sons | Mirrors, signs, etc. | €975.96 |
| 16/08/2012 | 4060 | Mario Mallia | Road marking paints | €77.83 |
| 17/08/2012 | 4061 | Cimaco Group Ltd. | Air-freshner + dispenser | €62.12 |
| 22/08/2012 | 4062 | C. V. Woodworks Co. Ltd. | Wood Strips for Bench Maintenance | €273.60 |
| 23/08/2012 | 4063 | Merlin Library | Books - Kunsill Lokali Zghazagh | €42.45 |
| 23/08/2012 | 4064 | Merlin Library | Books - Kunsill Lokali Zghazagh | €53.63 |
| 23/08/2012 | 4065 | Cancu Coaches | Transport Service to Ghar Lapsi - Youth Local Council project | €82.60 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 23/08/2012 | 4066 | Martin Borg | Rent of abseiling and flying fox - Youth Local Council project | €680.00 |
| 27/08/2012 | 4067 | La Buona Dolceria | Snacks for MCCF activity on the 2/09/2012 | €213.60 |
| 27/08/2012 | 4068 | Dentrade Co Ltd | Beverages - MCCF activity on the 2/09/2012 | €90.80 |
| 27/08/2012 | 4069 | Steve Rutland | Video service - MCCF | €129.80 |
| 27/08/2012 | 4070 | Reuben Seychell | Photography service - MCCF | €70.00 |
| 28/08/2012 | 4071 | Archway Ironmongery | Door handle; spot light; brush; box of screws; etc. | €76.06 |
| 28/08/2012 | 4072 | J&S Store | Bulb; tube; 2 starters; fly spray; trapan; garbage bags; etc. | €35.04 |
| 29/08/2012 | 4073 | Gutenberg | Text - 12 pages printed in 4x4 colour, on Matt 115gsm - 5,500 copies | €987.00 |
| 29/08/2012 | 4074 | COA Ink & Toner Ltd. | Toners for Office | €275.33 |
| 31/08/2012 | 4075 | Veritas Press | Receipt Books | €271.40 |

**Total** **€10,772.75**

**E**

| Street Name | Nr. Of Housholds | | |
|---|---|---|---|
| | Maltese | Foreigners | Total |
| 21st Sept Avenue | 170 | 6 | **176** |
| Triq Santa Lucija inc. Alleys | 95 | 19 | **114** |
| Triq tal-Labour | 89 | 5 | **94** |
| Triq il-Parrocca | 62 | 6 | **68** |
| Triq Hal-Dghejf | 46 | 2 | **48** |
| Triq l-Oratorju | 32 | 4 | **36** |
| Triq San Gwann | 30 | 3 | **33** |
| Pjazza Vittorja inc. Alleys | 23 | 5 | **28** |
| Pjazza Darnino inc. Alley | 22 | 1 | **23** |
| Triq Victor Scerri | 17 | 0 | **17** |
| Triq iz-Zenqa inc. Alley | 14 | 1 | **15** |
| Triq tan-Najder | 9 | 1 | **10** |
| Trejqet Dun Nerik Cordina Perez | 5 | 4 | **9** |
| Triq Guze Muscat | 5 | 4 | **9** |
| Triq il-Gdida | 7 | 1 | **8** |
| Triq L-Ifran | 7 | 0 | **7** |
| Sqaq il-Palk | 3 | 0 | **3** |
| Triq L-Iskola | 2 | 0 | **2** |